**KUNSILL LOKALI ĦAL LIJA**
**TRIQ ROBERT MIFSUD BONNICI**
**HAL LIJA**
**TEL NO : 21416111 FAX : 21416941**
**EMAIL : lija.lc@gov.mt**

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Lija

## IS-SEBA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 72

It-Tlieta 13 ta' Marzu 2018

Il-Kunsill Lokali Ħal Lija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Robert Mifsud Bonniċi, fil-5:00p.m. ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sinjura Magda Magri Naudi – Sindku
Is-Sinjorina Stephanie Cutajar– Viċi Sindku
Is-Sinjorina Lorraine Farrugia – Minority Leader
Is-Sinjur Massimo Scerri –Kunsillier
Is-Sur Salvu Farrugia – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3)):

ASSENTI
Ħadd

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sinjura Georgette Borg– Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku, is-Sinjura Magda Magri Naudi ppresedjat il-laqgħa.

### 72.1 Introduzzjoni

72.1.1 Il-laqgħa bdiet fil-17.10 hrs b'introduzzjoni mis-Sindku, is-Sinjura Magda Magri Naudi.

72.1.2 Is-Sindku, is-Sinjura Magda Magri Naudi stiednet lill-Kunsilliera biex jagħmlu l-korrezzjonijiet tagħhom għall-minuti nr 70 ta' 7 ta' Frar 2018 u nr 71 ta'19 ta' Frar 2018.

72.1.3 Korrezzjonijiet ma kienx hemm fuq iż-żewġ minuti fuq proposta tas-Sinjorina Lorraine Farrugia sekondat mis-Sur Salvu Farrugia minuti nr 70 bid-data tas-7 ta' Frar ġew approvati unanimament.

72.1.4 Fuq proposta tas-Sur Massimo Scerri sekondat mis-Sinjorina Lorraine Farrugia minuti nr 71 ta' 19 ta' Frar 2018 ġew approvati unanimament.

### 72.2 Punti mqajma mill-minuti

72.2.1 Is-Sindku s-Sinjura Magda Magri Naudi, tkellmet fuq il-laqgħat li kienu saru mal-kuntratturi tal-ġonna u tal-knis.

72.2.2 Fuq il-laqgħa mal-kuntrattur tal-ġonna, il-Kunsill enfasizza ħafna li għandhom jinżeraw iktar fjuri u important ħafna t-tisqija.

72.2.3 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia tkellmet fuq ix-xogħolijiet ta' Triq Salvu Mifsud kantuniera ma' Triq Dun Ġużepp Tanti.

72.2.4 Il-Kunsill ikkonferma xi xogħolijiet pendenti li hemm u esiġa mal-kuntrattur biex dawn ix-xogholijiet isiru mill-aktar fis possibli.

72.2.5 Fost dawn ix-xogħolijiet hemm ukoll li għandhom jissewwew iż-żewġ water pipes li huma maqsumin fiċ-Ċentru Rekreattiv.

72.2.6 Is-Sindku tkellmet fuq il-laqgħa l-oħra li saret mal-kuntratturi tal-knis.

72.2.7 Is-Segretarju enfasizat li l-Kunsill ikollu xi lmenti fuq il-knis fir-raħal minn naħa tal-Housing Estate u l-area ta' Hal Mann.

72.2.8 Hija qalet li meta iddur ir-raħal, il-knis mhux qed ikun daqshekk ħażin, pero il-ġnien għandhom bżonn jieħdu ħsieb ħafna iktar.

72.2.9 Anke ġie diskuss il-ħin tal-knis u li ma għandux ikun kmieni filgħodu.

## 72.3 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU /VIP LIST

72.3.1 Il-Minority leader, s-Sinjorina Lorriane Farrugia qed tisuġerixxi dan li ġej: Naħseb tkun idea tajba jekk f'din l-area fi Triq il-Forn u fit-tarf ta' Triq id-Dejqa napplikaw għal motorcycle bay biex jintuża l-ispazju u fl-istess ħin ir-resident li ġie fil-laqgħa ma' missieru jkollu option fejn jista jipparkja l-mutur.

72.3.2 Il-Kunsill approva din ir-request u għandha tintbagħat lit-TM għal l-approvazzjoni.

72.3.3 Il-Headmistress ta' l-iskola Primarja qeda tagħmel request biex isiru bollards fi Triq Robert Mifsud Bonnici biex meta ma jkunx hemm il-gwardjani u l-puluzija nisalvagwardjaw is-safety ta' tfal. Aħna għamilna request lil TM għal l-approvazzjoni u qalulna li la tgħaddi l-karozza tal-linja ma jistawx jagħtuna permess.

72.3.4 Il-Headmistress ġiet infurmat b'din it-tweġiba fejn hija tixtieq li bus timetable tiġi 'adjusted' fejn il-bus transport ma tgħaddix il-ħin ta' filghodu bejn 8:15a.m. – 8:45a.m. u wara nofs inhar bejn 2:15p.m. – 2:45p.m.

72.3.5 Il-Kunsill idiskuta din ir-request imma ma qabilx li għandha tinbidel it-timetable tal-Public Transport waqt il-ħinijiet mitluba għax qalu li lanqas TM m'approvat din ir-request.

72.3.6 Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Stephanie Cutajar qeda tistaqsi jekk hux qed jiġi ċċekkjat jekk hux qed isiru permessi fuq sit ta'kostruzzjoni fi Triq il-Forn. Dan irid jiġi ċċekkjat.

72.3.7 Residenta li toqgħod, 184,Triq Annibale Preca, qed titlob li ssir railing fejn hemm rampa biex ommha tkun tista iżomm magħha meta titla' r-rampa għax ma tiflaħx timxi.

72.3.8 Il-Kunsill approva din ir-request.

72.3.9 F'isem il-Kunsill ta'l-iskola, is-Sinjura Sandra Grech qed tistaqsi jekk il-Kunsill ta' Ħal Lija jistax jagħti lil l-iskola telephone box. Dan għaliex qed jikrejaw reading corner ġewwa l-iskola u se jarmawha bit-tyres imdenlin fejn ipoġġu tfal.

72.3.10L-iskop tagħhom huwa li din it-telephone box apparti li tkun qed iżżejjen l-atmosfera jixtiequ jagħmluha bl-ixkafef fiha fejn jistgħu ppoġġu l-kotba. Forsi qed jiġi ssuġeriet il-possibilta' li jagħmlu użu mit-telephone box li hemm ma tintużax fi Triq il-Forn ħdejn il-German Ambassy.

72.3.11 Il-Kunsill m'approvax din ir-request għal fatt li ma jistax jieħu deċiżjoni peress din it-telephone box lanqas hija propjeta' tal-Kunsill u hija l-unika ħaġa antika li bagħqet fir-raħal.

72.3.12 Resident qed jitlob li ssir sleeping policeman fi Vjal it-Transfigurazzjoni kif tidħol minn Triq in-Naxxar, biex dawk li jknun ġejjin minn Triq in-Naxxar inaqsu s-speed. Din għanda issir għalkemm hemm 30 speed limit sign f'nofs it-triq, li mhux qed tiġi osservata.

72.3.13 Il-Kunsill iddiskuta din ir-request u m'approvax li din għandha ssir għax hija triq principali ta' Ħal Lija u mumhiex lesti li titħarbat it-triq.

72.3.14 Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill li qed tipprova tindaga fuq il-costings ta' l-speed cameras li kieku isiru erba' jew ħames camers fir-raħal bħala proġett.

72.3.15 Il-Kunsill qabel ma din il-proposta.

72.3.16 Transport Malta bagħtulna e-mail fejn qegħdin jgħidu lill-Kunsill li fi Triq il-Forn hemm il-ħwat li qegħdin jostakolaw il-bankina u li l-Kunsill irid ineħħihom minnufih jekk dan ma jsirx jitneħħew mit-TM għas-spejjes tal-Kunsill Lokali.

72.3.17 Il-Kunsill idiskuta din il-korrispondenza fejn is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi talbet lir-resident biex għal lanqas jiżbor il-pjanti li hemm f'dawn il-ħwat.

72.3.18 Is-Segretarju nfurmat li kien sar inċident fejn tifla weġġħet għax ma setgħax tgħaddi minn fuq il-bankina.

72.3.19 Ġie deċiż mill-Kunsill li din il-kwistjoni iħalluha f'idejn Transport Malta għal fatt li fit-2013 u 2014 kienu diġa intbagħtu ċirkulari lir-residenti ta' Ħal Lija biex min għandu l-ħwat li qed ifixxklu l-bankina jitneħħew imma ħadd mir-residenti ma kkopera.

72.3.20 Jekk Transport Malta ineħħu dawn il-ħwat għas-spejjes tal-Kunsill nistgħu wara ngħidu lin-nies li jekk ma neħħewx dawn il-ħwat huma, ser jitneħħew minn Transport Malta għas-spejjes tar-resident.

72.3.21 Lit-Transport Malta għandha inweġbuhom li fir-raħal għandha problem fuq dawn il-ħwat u ser iħalluha f'idejkhom.

72.3.22 Is-Sur Johann Martin l-owner tal-Villaġġ jixtieq jagħmel request għal No Parking sign l-Ħadd 22 t'April bejn 12:00p.m. – 6:00p.m. quddiem il-wine bar u permess għal 3 mwejjed fuq il-bankina ovvjament iħallas għal permess ta' l-mwejjed għal dak inhar.

72.3.23 Il-Kunsill iddiskuta din ir-request u aċċetta li nagħtu 'No Parking' signs pero imwejjed barra m'approvax li jingħataw għax dawn jingħataw biss fi żmien il-festa.

72.3.24 Il-Kunsill qal li mhux ser ikun responsabbli jekk isiru xi aċċidenti u qed jesiġi li bħala precaution għandu jsir boundary rope.

72.3.25 Is-Sindku s-Sinjura Magda Magri Naudi nfurmat lill-Kunsill li kienet ġiet avviċinata min residenta li ġejja toqgħod fi Triq Annibale Preca, Ħal Lija ħdejn il-Mitħna ta' Ħal Lija parti mill-Windmill Cottage, pratikament ġo sqaq, parti min dan l-isqaq huwa privat qaltilna din ir-residenta.

72.3.26 Il- Land Registry ħarġu pjanta li qeda annessa li dan l-isqaq jismhu sqaq nru.1 Triq Annibale Preca, Ħal Lija imma aħna ġewwa Ħal Lija diga għandna Triq Annibale Preca Sqaq nru.1 li jiġi l-bidu ta' triq imma minn naħa t'isfel.

72.3.27 Kif ukoll fi Triq Annibale Preca minn naħa tal-Kappella tal-Mirakli hemm dar f'nofs l-għelieqi li kellha l-istess problema xi ftit ta' snin ilu u din il-parti kienet issemmiet Daħlet Annibale Preca.

72.3.28 Il-Kunsill ġie nfurmat li wara li ntbagħatet e-mail lil Land Registry, din kienet ir-risposta tagħhom :

Importanti li jiġi stabbilit jekk dan l-isqaq hux privat. F'każ li huwa privat għalissa ma jistax jingħata isem peress li hemm bżonn li ssir emenda fil-liġi.

Min-naħa tagħna għamilna riċerka meta ssemma Triq Annibale Preca, Sqaq Nru. 1 u sibna li l-isem ġie rivedut fl-1943, jiġifieri issemma ħafna qabel u fil-Gazzetta tal-Gvern m'hemmx indikazzjoni liema hu.

L-aħjar li, il-Kunsill Lokali jibda billi jistabilixxi jekk dan l-isqaq hux privat jew pubbliku. Ahna kellimna erġajna lir-residenta u hi qaltilna li l-ewwel parti ta' l-isqaq mhiex privata imma aktar il-ġewwa hija privata.

72.3.29 Il-Kunsill iddiskuta dan u ġie stabbilit li dan l-isqaq mhux privat u huwa pubbliku għax biex ikun privat irid ikun hemm garage.

72.3.30 Il-Minority Leader, s-Sinjorina Lorraine Farrugia issuġerit u l-Kunsill qabel li dan l-isqaq għandu jissemma 'Trejqet Annibale Preca'.

72.3.31Din l-istess residenta tixtieq tagħmel request biex isir lampa ġdida fi Triq Annibale Preca ħdejn il-Windmill Cottage.

72.3.32 Il-Minority Leader,Is-Sinjorina Lorraine Farrugia kkonfermat li konna diġa applikajna għal din il-lampa. Għalhekk għandna nerġgħu nagħmlu follow-up fuq l-applikazzjoni li diġa saret.

72.3.33 Residenta qed tagħmel request biex fi Triq Antonio Azzopardi titranġa s-sistema ta' parking li hemm. Hija qalet li l-linji tal-parking li hemm eżistenti jistgħu jiġu rranġati biex jiddaħħlu iktar parking spaces għax hemm xi vojt u għandhom ħafna problemi ta' parking.

72.3.34Wara li l-Kunsill iddiskuta din ir-request ġie deċiż li s-Segretarju flimkien mal-Minority Leader imorru 'on site' biex jaraw kemm parkings ikunu jistgħu jidħlu.

72.3.35 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi tkellmet fuq l-attivita' ta' 'Commemoration ta' l- Spit Fire plane' li kien waqa' fi Triq Is-Salvatur.

72.3.36 Biex issir din l-arttivita' s-Sur Salvu Sammut qed jitlob li ssir *traffic diversion* fl- 10ta' Mejju 2018 bejn is- 6.00p.m. u 9.00p.m. bis-servizzi tal- Gwardjani Lokali fejn is-Salvatur il-Qadim.

72.3.37 Għal din l-attivita' ser jieħdu sehem anke l-għaqdiet tar-raħal bħal l-Scouts u kif ukoll il-Kunsill Lokali. Ser issir quddiesa ukoll għal din l-attivita' u riċeviment żgħir fejn il-Kunsill ser ikun mistieden ukoll.

72.3.38Il-Kunsill qabel ma' din ir-request imma l-ewwel irid jiġi ndagat kemm ser jiswsew is-servizzi tal-Gwardjani.

72.3.39 Is-Sinjura Doris Attard li tieħu ħsieb il-grupp ta' l-anzjani xtaqet tgħid lill-Kunsill li 24 ta' Marzu ser ikun hawn via sagra fir-raħal u xtaqet tistaqsi jekk xi ħadd mill-Kunsilliera jistax jieħu sehem f'din il-via Sagra.

72.3.40Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi nfurmat li ma tistax tattendi dakinhar għalhekk staqsiet jekk xi ħadd mill-Kunsilliera jistax jattendi.

72.3.41 Ħadd mill-Kunsilliera ma jista' jattendi għal din l-attivita'.

72.3.42Resident ġie jilmenta rigward wieħed mill-parkeġġi li sar fi Triq is-Salvatur. Huwa qed joġġezzjona għaliex f'din it-triq għandu ġardina kbira u wieħed mill-parkeġġi sar quddiem il-bieb ta' din il-ġardina. Issa minħabba li qed jipparkjaw huwa qed jgħid li ma jistax jidħol jew joħroġ bil-muturi tal-ħart, għodda jew xkejjer u minħabba li għandu 100 siġra tal-larinġ ikollu bżonn jidħol u joħroġ ta' spiss u qed jitlob biex dan il-parkeġġ biss jitneħħa.

72.3.43 Kien hemm diskussjoni fuq dan u ġie deċiż li għandhom jitneħħew il-*parking spaces* ta' parti minn Triq is-Salvatur c/w Triq id-Dejqa għax għalkemm ġiet approvata il-pjanta tal-Perit, il-parking spaces naqqsu u mhux żdiedu.

## 72.4 PROĠETTI LI SER ISIRU MILL-FONDI TAL-UIF

72.4.1 Is-Sindlu tkellmet fuq il-UIF funds u l-ħsieb li l-Kunsill għandu biex isir il-ground iż-żgħir u l-area tal-bandli bil-multipurpose flooring.

72.4.2 Hija nfurmat li qabel ma jsir dan il-flooring irid l-ewwel isir il-kejl, pjanti u boq mill-Perit, wara toħroġ *declaration letter* mingħand l-MCCAA u wara li jsir il-proġett l-istess MCCAA joħorġu rapport tal-ground kollu.

72.4.3 Dan ir-rapport ser jiġi jiswa €400 + VAT. Dan ir-rapport jiġi ppreżentat lill-MEPA fejn jekk hemm xi affarijiet ta' safety li jridu jitranġaw, iridu l-ewwel jitranġaw biex jingħataw il-fondi.

72.4.4 Is-Sindku s-Sinjura Magda Magri Naudi qalet li rridu nikkonvinċu lill-MCCAA li jaċċettaw li l-problemi ta' safety li hemm fil-ġnien isiru *in stages.*

72.4.5 Is-Segretarju nfurmat li hija kitbet lill-Perita tal-MEPA, bil-problemi kollha li hemm fiċ-Ċentru Rekreattiv bir-ritratti kollha u dan ser jiġi diskuss waqt laqgħa tal-Bord tal-MEPA li ser ikollhom għada l-Erbgħa 14 ta' Marzu 2018 biex qabel ma l-Kunsill jiddeċiedi li jkompli b'dan il-proġett ikun jista jikkonferma jekk hux ser jieħu l-fondi jew le.

72.4.6 Sadanitant, is-Sindku, s-Sinjura Magda Magdi Naudi nfurmat lill-Kunsill li jekk dan ma jirrnexxiex dan il-proġett nagħmlu resurfacing ta' żewġ sqaqien bil-concrete imprint, bil-BOQ mill-Perit.

72.4.7 Dawn l-isqaqien jistgħu ikunu Triq il-Forn Sqaq Nru. 2 u Sqaq Nru.5 imma irid jiġi l-ewwel iċċekkjat il-BOQ tal-Perit kemm ser jiġu jiswew flimkien ma' l-ispejjes u l-*connections* tal-Water Services.

72.4.8 Irid jiġi deċiż iktar il-quddiem fuq dan, anke għal fatt li mhux ser jinħarġu fondi ta' l-EU biex isiru l-isqaqien.

72.4.9 Is-Segretarju reġgħet fakkret lill-Kunsill fuq is-sejħa mill-MEUSAC fuq il-Measure 414 fuq il-ħitan tas-Sejjieħ.Hija qalet li l-MEUSAC qed jitolbu pjanti BOQs mill-perit etc…. allura l-Kunsill iddeċieda li għalissa dan il-proġett iħallih peress li m'għandnix biżżejjed fondi.

72.4.10 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia tkellmet fuq il-ħajt li għadu mwaqqa' fi Triq il-Mitħna għax issa anke qed jagħmluh dump area. Hija qed tissueġerixxi li għandna nitkellmu ma' l-owner ta' l-għalqa u jekk ma naslux nibgħatulu ittra bl-Avukat.

72.4.11 Is-Sindku s-Sinjura Magda Magri Naudi li kellha contact number ta' dan l-owner għandha tagħtina l-indirizz biex inkunu nistgħu nipproċedu.

72.4.12 Is-Segretarju nfurmat lill-Kunsill li ż-żmien ta' l-RSSL workers issa ġie fi tmiemu u ser jerġgħa jmisshom f'Mejju 2018, pero ser ikun hemm problema kbira peress li van issa m'għandnix u ser ikun limitati ħafna f'xogħol ser ikunu jistgħu jagħmlu.

72.4.13 Il-Kunsill iddiskuta fuq dan pero ma ġie għal l-ebda deċiżjoni għalkemm xi ħaġa jrid isir.

72.4.14Is-Segretarju reġgħet qajmet il-punt tal-ħaddiem li qed jintalab biex jiġi *replaced* minflokk is-Sur Michael Bedingfield . S-Segretarju nfurmat lill-Kunsill li reġgħet bagħtet e-mail lic-Chairman ta' l-RSSL is-Sur Mizzi biex terġa tistaqsi li huwa urġenti li jintbagħat ħaddiem f'Ħal Lija għax il-Kunsill mhux ser ikun jista joppera b'ħaddiem wieħed.

72.4.15 Hija nfurmat lill-Kunsill li hemm ħaddiem minn grupp tar-Reġjun Ċentru li jixtieq jissettilja f'post wieħed u jiġi Ħal Lija.

72.4.16 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi qalet li jekk niġu veru darna mal-ħajt u ma jiġix ħaddiem ieħor, il-Kunsill ikollu jħallas biex isiru x-xogħolijiet fir-raħal.

## 72.5 UPDATE FUQ IL-PROĠETT TA' L-ERASMUS

72.5.1 Is-Sinjorina Stephanie Cutajar tat *update of l-Erasmus Project* fejn bdiet tgħid li s-Sinjorina Pamela Borg, għal raġunijiet personali 'dropped out' milli tmur Poland magħha fuq dan il-proġett imma ntstabet 'Leader' oħra.

72.5.2 Hja qalet li d-dati ġew konfermati u nstabu ukoll *flights* diretti għaliha u l-Leader l-oħra bejn is-27 ta' Ġunju sa l ta' Lulju 2018 għall-APV visit.

72.5.3 Ġie deċiż li l-biljetti ta' l-ajru u t-transfers jinxtraw mingħand Aġenzija biex tkun tista' tintbagħat invoice lill-Kunsill u titħallas mill-fondi ta' l-EUPA li ġew depositati fis-savings account tal-Kunsill għal dan il-proġett.

72.5.4 Ġie deċiż ukoll li meta jitilgħu l-grupp kollu bejn is-17 t'Ottubru sa l-24 t'Ottubru 2018 u li ser ikunu 24 ruħ il-biljetti ta' l-ajru u t-transfers għandha ssir bl-istess proċedura.

72.5.5 Peress li l-Viċi Sindku u l-leader l-oħra ser jaslu Poland nofs ta'nhar qabel ma suppost jibda l-programm, ser isibu *accommodation* għas-spejjes tagħhom għal dak il-lejl.

72.5.6 Wara li l-Kunsill iddiskuta kif il-Viċi Sindku, s-Sinjorina Stephanie Cutajar biex tkun tista tħallas l-ispejjes ta' dan il-proġett mill-fondi li l-Kunsill ġie deċiż mill-Kunsill li għandu jinfetaħ kont ġdid li jkun fuq l-Erasmus project biss, jiġu depositati il-fondi ta' dan il-proġett f'dan il-kont u tiġi kreata *debit card for Erasmus funding only*, biex is-Sinjorina Stephanie Cutajar tkun tista tħallas l-ispejjes fuq dan il-proġett.

72.5.7 Il-Viċi Sindku, trid tipperżenta l-irċevuti kollha *against* xi tkun ħallset.

72.5.8 Dan il-kont u d-debit card għandu jiġi magħluq wara li jitlesta dan l-Erasmus.

72.5.9 Għandna nistaqsu lil l-Accountant li jagħtu ghal fondi ta' l-Erasmus

## 72.6 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERA

72.6.1 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia, staqsiet jekk il-Kunsill jirrnexxilu jagħmel żewġ sqaqien bil-fond tal-UIF, jekk jibqa fondi biex nieħdu ħsieb jinbidlu l-fanali tal-mika.

72.6.2 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi, qalet li dan jista ikun proġett flimkien mal-fanali tal-ġnien li għandhom bżonn jinbidlu b'mod urġenti.

72.6.3 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia tkellmet fuq is-signs tal-give way li waħħalna fi Trejqet Kjeriku Ġakbu Abela.

72.6.4 Hija qalet li kif ġew,ġew għar peresss li dawn is-signs twaħħlu naħa minnhom biss.

72.6.5 Ġie deċiż li għandhom jinxtraw is-signs ta' kontra.

72.6.6 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia tkellmet fuq il-kuntrattur ta' ġbir ta' skart il-ġdid fejn qed tgħid li d-driver baqa' l-istess tal-kuntrattur l-ieħor u s-Segretarju konfermat ukoll li anke l-scammel għadu qed jintuża l-istess wieħed tal-kuntrattur ta' qabel.

72.6.7 Is-Segretarju nfurmat lill-Kunsill li hija diġa kellmitu minħabba dan u l-Premier Ltd qalu li ser jibdel it-truck bin-numru tar-reġistrazzjoni kif kien imniżel fit-tender li tefgħu.

72.6.8 Is-Segretarju ppreżentat lista tal-Planning Authority applications fuq il-mejda tal-Kunsill biex il-Kunsill jara jekk iridx li jsiru xi rakkomadandazzjonijiet.

72.6.9 PA/01287/18 – Installation of Billboard Mosta Road, il-Kunsill jaċċetta biss jekk din il-Billboard titwaħħal fi Triq Agostino Portelli imma ma jaċċettax li titwaħħal fi Triq Preziosi minħabba li f'din it-triq hemm Villa Francia, li hija l-Villa tal-Prim Ministru.

72.6.10 PA/01416/18 – irid jiġi ċċekkjat kemm ser jinbnew garaxxijiet u jridu jinbnew garaxx għal kull maisonette.

72.6.11 PA/01728/18 – Site fi Triq il-Mosta irid jiġi ċċekkjat fejn hija l-area tad-development.

## 72.7 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI U L-PETTY CASH

72.7.1 Is-Segretarju ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill l-iskeda tal-pagamenti u l-Petty Cash.

72.7.2 Il-Minority Leader, s-Sinjorina Lorraine Farrugia u s-Sur Salvu Farrugia m'approvawx il-pagamenti tal-Waste Collection Ltd.

72.7.3 Fuq proposta tas-Sur Massimo Scerri sekondat mis-Sinjorina Stephanie Cutajar, il-pagamenti għax-xahar ta' Marzu ġew approvati unanimament.

## 72.8 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

72.8.1 Il-laqgħa ntemmet fis-06:45p.m.u ġiet aġġornata għal laqgħa li ser issir nhar l-Erbgħa 11 ta' April 2018, fil-5:00pm.

72.8.2 Dati għal-laqgħat għax-xahrejn li imiss huma pprogrammati għal Ħamis 3 ta' Mejju 2018 fil-5:00p.m. u t-Tnejn 4 ta' Ġunju 2018 fil-5:00p.m.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Magda Magri Naudi<br>Sindku | Georgette Borg<br>Segretarju Eżekuttiv |